MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tas-16 ta' Novembru, 2006

Citazzjoni Numru. 96/2005

Kawza fil-lista: 27

**A B**
**Vs**
**C D**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Peress illi l-kontendenti zzewgu fit-13 ta’ Ottubru 2004 kif jirrizulta mill-anness certifikat taz-zwieg (Dok A).

Peress illi l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja matrimonjali jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha kif kontemplat fl-artikolu 19(1)(d) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Peress illi l-kunsens tal-partijiet inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar ta' l-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga kif kontemplat fl-artikolu 19(1)(f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Peress illi ghalhekk iz-zwieg kontrattat bejn il-kontendenti huwa null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Jghid il-konvenut ghaliex m' ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

Tiddikjara null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi z-zwieg kontrattat bejn il-kontendenti fit-13 ta' Ottubru 2004.

Bl-ispejjez u l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Rat li l-konvenut debitament notifikat ghazel li jibqa' kontumaci;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-attrici u l-lista tax-xhieda;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob dikjarazzjoni gudizzjarja fis-sens li z-zwieg taghha kuntrattat mal-konvenut fit-13 ta' Ottubru 2004 huwa null fil-ligi stante li l-kunsens matrimonjali taz-zewg kontendenti huwa vizzjat fit-termini ta' l-ewwel parti tal-paragrafu [d] u tal-paragrafu [f] ta' l-Artikolu 19[1] tal-Ka[.255.

Il-Qorti semghet lill-attrici tiddeponi.

Mill-provi rrizulta li l-attrici zzewwget lill-konvenut Neif D fit-13 ta' Ottubru 2004 <u>unikament</u> sabiex dana ikun jista' jibqa' jghix f' Malta. Dak iz-zmien l-attrici kellha 21 sena filwaqt li l-konvenut kellu 19. Jirrizulta li l-konjugi bil-kemm

kienu jafu lil xulxin qabel iz-zwieg, u wara z-zwieg it-tnejn telqu ghar-rashom. Skond l-attrici z-zwieg ma giex ikkonsumat u qatt ma kellha relazzjonijiet intimi, la qabel iz-zwieg u lanqas wara, mal-konvenut.

Jirizulta wkoll li l-attrici ma kienitx qalet lill-genituri b’ dak li ghamlet, u dawn skoprew wara li minn fuq ir-records tal-ETC kien jidher li l-attrici kellha stat ta’ mara mizzewwga.

Mill-premess jirrizulta car li f’ dan il-kaz tikkonfigura l-caput nullitatis kontemplat fil-paragrafu [f] ta’ l-artikolu precitat. F’ dan il-kaz, ghalkemm iz-zewg partijiet esternament ghaddew minn ceremonja ta’ zwieg, huma internament u b’ att posittiv tal-volonta’ taghhom, eskludew mhux biss obbligazzjonijiet matrimonjali essenzjali, izda iz-zwieg fih innifsu. Ghaldaqstant iz-zwieg bejn il-partijiet huwa hekk vizzjat bil-konsegwenza li hu null.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa’ t-talba attrici u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fit-13 ta’ Ottubru 2004. L-ispejjez jinqassmu wgwalment bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------